MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 392/1993/2

**Doctor Alfred, Gaetano sive Tanu, Philip f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh imsiefer Frank u Josephine mart Joseph Diacono ilkoll ahwa Grech u Joseph Diacono bhala amministratur tal-beni parafernali tal-imsemmija martu kif ukoll Christopher, Maria Amabilis mart Louis Mifsud, Angela mart Paul Hili, Maryanne mart Stephen Gera ilkoll ahwa Grech bhala unici eredi tal-mejjet Anthony Grech u l-istess Louis Mifsud, Paul Hili u Stephen Gera bhala amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi marthom**

**v.**

**Joseph Muscat bhala President u Raymond Sillato bhala Segretarju tal-Malta Labour Party Club ta' Santa Venera, u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2004 Stephen Sultana assuma l-atti fil-kwalita` tieghu ta' Segretarju tal-Malta Labour Party Club ta' Santa Venera minflok Raymond Sillato li miet fil-mori tal-proceduri**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar it-talba, maghmula mill-atturi ritrattandi, ghar-rikuza tat-tlett Imhallfin kompenenti din il-Qorti f'dan il-kaz ta' ritrattazzjoni in vista tal-fatt li t-talba ghar-ritrattazzjoni qed issir a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u peress li l-istess tlett Imhallfin kienu ppronunzjaw is-sentenza li qed tigi attakkata. Din l-eccezzjoni giet sollevata fil-paragrafu 12 tar-rikors ghar-ritrattazzjoni (ipprezentat fis-6 ta' Jannar, 2004, fol. 220) u ribadita fl-ewwel udjenza tas-smigh ta' din il-kawza, cioe` fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, 2004 (fol. 250). Il-konvenuti ritrattati qed jopponu din it-talba.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq din il-kwistjoni. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, moghtija nhar il-Gimgha li ghaddiet, 29 ta' Ottubru, 2004 fil-kawza fl-ismijiet ***Arcidiacono Limited v. Avukat Generali, u Renato u Antoinette mizzewgin Arcidiacono*** hemm lok li din it-talba tintlaqa'. Fid-dawl ta' l-imsemmija sentenza, anke li kieku l-eccezzjoni ma inghatatx, l-Imhallfin komponenti din il-Qorti kienu jastjenu, salv dejjem dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 735 tal-imsemmi Kodici.

Ghalhekk l-eccezzjoni tar-rikuza qed tigi milqugha, u konsegwentement l-Imhallfin sottoffirmati qed jiddikjaraw li mhux ser ikomplu jisimghu il-kawza; u l-Qorti tordna li r-ritrattazzjoni tinstema' minn din il-Qorti, diversament komposta.

Il-kawza qed tigi differita ghal nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, 2004 f'nofs inhar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------